# MINUTI

## Kunsill Lokali Ħamrun

**Laqgħa Nru. 25/*2016***

Data: 17 t'Awwissu 2016

Ħin: 6.00p.m.

Post: Sala tal-Kunsill Lokali

Preżenti:
Is-Sur Christian Sammut - Sindku
Is-Sur Vincent Bonello – Viċi Sindku
Is-Sur Antonello Cuschieri –Kunsillier
Is-Sinjura Carmen Borg - Kunsillier
Is-Sinjura Louise Portelli – Kunsillier
Is-Sur Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Is-Sur Efrem Buttigieg - Kunsillier

***Karen Camilleri** – Segretarju Eżekuttiv*

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Post Mortem – Festa San Gejtanu 2016
4. Progett – Rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat
5. Għażla tal-Impjegat taħt l-Iskema CIES – Rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Għażla
6. Sala Joseph Zammit Cordina
7. Festival taċ-Ċikkulata
8. Skeda ta' Hlasijiet
9. Korrispondenza
10. Aġġornament

# Minuti – 25/*2016*

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 24 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati bil-korrezzjonijiet unanimament.

## 2 Punti Mqajjma mill-Minuti

2.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir Cover minn wara u mill-ġenb biex isebbaħ iż-zona u jiġi evitat ir-rimi madwarhom. **Skips fl-area tar-Rabbat.**

2.2 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-bins twaħħlu kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġew ordnati ħames (5) bins oħra li jaslu fit-28 ta' Settembru. **Installar ta' Bins fit-toroq tal-lokalita'.**

2.3 Is-Sindku nfurma lill-membri li qed jistenna risposta mingħand John's Group. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għadu qed jistenna konferma u għandu jara fejn se titpoġġa. Is-Sindku ssuġġerixxa li din l-istatwa titpoġġa fil-pjazza tal-binja tal-Kunsill. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li ma jistax jifhem x'konnessjoni hemm bejn Santa Liena u l-Ħamrun. Il-Kunsillier Louise Portelli qalet li John's Group lanqas kell nteress iġib lura l-istatwa aħseb u ara kemm se jinkwetaw fejn se titpoġġa. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ qal li hu jaqbel li l-Kunsill jieħu ħsieb il-wirt storiku u kulturali, iżda l-Kunsill għandu jara kif se joħduha r-residenti. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li meta sar ir-restawr fuq l-istatwa ta' San Fidiel, kien hemm il-ħsieb li l-Kunsill isib post għall-istatwa fil-pjazza ta' quddiem il-Kunsill, liema statwa kellha ssir fi frame tal-pespex. Is-Sindku qal li l-aħjar ħaġa tkun, li l-Kunsill jiddiskuti din il-kwistjoni malli jasal iż-żmien. **Statwa Santa Liena**

## 3 Festa San Gejtanu 2016

**Festa San Gejtanu 2016**

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Festa San Gejtanu, din is-sena, kienet waħda mpenjattiva iżda b'mod inġenerali ix-xogħol li sar mill-Kunsill, kien parti mis-suċċess tal-festa. Is-Sindku spjega li l-Kunsill għandu jiddiskuti issues bħal permessi ta' mwejjed u siġġijiet, iż-żewġ gabbani li kienu allokati fi Triq il-Kbira San Ġużepp, li ħolqu diffikultajiet għal xi residenti anzjani li ma setgħux igawdu l-festa minn djarhom u l-permessi tal-Bars.

Il-Kunsillier Carmen Borg spjegat li l-bars ħolqu ċertu diffikultajiet lir-residenti, b'discos f'bar partikolari li dam għaddej bil-mużika sal-4.00a.m., b'konsegwenza li residenti anzjani ma tħallewx jistrieħu fil-kwiet ġo djarhom.

**Il-Kunsillier Antonello Cushieri daħal għal-laqgħa fis-18:35p.m.**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li minkejja l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill, sar bejgħ ta' petards minn xi bejjiegħa tal-ġugarelli. Fuq dan l-

ispunt, il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-bejjiegħa tal-ġugarelli fejn jiġu nfurmati li l-Kunsill qed jikkunsidra jerġax joħroġ il-permess, wara li nkissru l-kundizzjonijiet.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri spjega li kien hemm ilmenti dwar il-gabbani li kienu fi Triq il-Kbira San Ġużepp, fejn ir-residenti lmentaw li ntrema ż-żejt tat-tisjir użat mill-istess gabbani.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li waqt ix-Xandira ta' ONE TV, sar intervent mis-Sinjura Tania Borg fejn sar il-launching tal-attivita' nazzjonali l-Festival taċ-Ċikkulata u semmiet id-data u tat ħafna nformazzjoni. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri spjega li ma kienx etikament korrett li barrani jitkellem dwar attivita' tal-Kunsill. Il-Kunsillier Louise Portelli rrimarkat li jekk il-Kunsill xtaq jirreklama din l-attivita', l-informazzjoni kellha tingħata minn membru tal-Kunsill jew għallinqas mis-Segretarju Eżekuttiv . Is-Sindku nfurma li kien hu li nkariga lis-Sinjura Borg tagħmel l-intervent u toħroġ id-dettalji.

Il-Kunsillier Carmen Borg irrimarkat li l-membri tal-Kunsill kienu mdaħħla fil-programm iżda baqgħu mingħajr intervista. Il-membri kkonfermaw li ma kienux infurmati li kellhom jintervjenu. Il-Kunsillier Louise Portelli qalet li aktar u aktar meta kien hemm barranin li tkellmu dwar attivitajiet tal-Kunsill.

## 4 Progett – Rinnovar ta' Pjazza Kappillan Muscat

Is-Sindku nfurma lill-membri li saret laqgħa għar-residenti ta' Pjazza Kappillan Muscat u l-madwar fejn sfortunatament l-attendenza kienet waħda fqira, iżda jidher li dawk preżenti laqgħu pożittivament dan il-proġett. Il-Kunsill innotifika lil Perit sabiex japplika għall-permessi meħtieġa mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jinbeda x-xogħol.

## 5 Sala Joe Zammit Cordina (ex Sindku)

Is-Sindku nfurma lill-membri li s-sala Joe Zammit Cordina se tiġi inawgurata nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2016.

Is-Sindku ssuġġerixxa li jiġu mistiedna l-familja Zammit Cordina u President u Segretarju ta' kull Għaqda lokali.

Is-Sindku nkariga lill-kunsillier Carmen Borg sabiex tfassal programm għas-serata. Is-Sindku nfurma li se tiġi ordnata Lapida għall-barra.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk hux opportun li nkellmu lil Greenfields ukoll.

**6** Festival taċ-Ċikkulata 2016

Is-Sindku nfurma li l-Kunsill qed jaħdem fuq it-tender għall-Event Co-Ordinator tal-Festival, iżda huwa ferm importanti li l-membri kollha jaħdmu fuq ix-xogħlijiet assenjati lilhom sabiex imexxu kemm jistgħu.

**7** Skeda ta' Ħlasijiet

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 19. | **Skeda ta' Ħlasijiet Nru 19** |
| L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament. | |

8 **Korrispondenza**

| | |
|---|---|
| Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza u filwaqt li juri solidarjeta' ma din ir-residenta, l-Kunsill spjega li ġaladarba l-inkonvenjent inħoloq ġewwa propjeta' liċenzjata, l-korrispondenza tas-Sinjura Gatt għandha titressaq għall-attenzjoni tal-Pulizija. | M'Rose Gatt – Inkonvenjent waqt il-Festa San Gejtanu 2016. |
| Inġibdet l-attenzjoni li tali permess jinħareġ mid-Dipartiment tal-Artijiet u mhux mill-Kunsill Lokali. Barra minhekk inġibdet l-attenzjoni li din it-talba qed issir biex tintrama gabbana tal-ikel ħdejn skola. | George Spiteri – Talba sabiex jarma bil-gabbana tal-imqaret fi Triq Schembri. |
| Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha risposta mingħand l-AIB Insurance dwar il-każ tas-Sur Saviour Meilaq, li kien talab kumpens għall-ħsarat li ġarrab meta nfaqagħlu t-tyre fi Triq Santa Marija minħabba ħofra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li mhux worth it li l-Kunsill jiftaħ Claim ta' € 500, meta qed issir talba għal €80.00. Barra minhekk f'każi ta' tyres, il-Kunsill għandu wkoll jikkunsidra li t-tyre għandu l-wear & tear ukoll u għaldaqstant tħoss li l-Kumpens m'għandux jingħata fuq is-somma kollha. Għaldaqstant ġie deċiż li jingħata nofs l-ammont mitlub, jiġifieri € 40.00. | Talba għall-Refund minħabba ħofra – Saviour Meilaq |

9 **Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku nfurma lill-membri li kellu laqgħa mal-Kap tal-Iskola San Ġorġ Preca, fejn ippropona proġett edukattiv bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, fejn l-istudenti se jaħdmu filmat sabiex titqajjem kuxjenza ambjentali fil-lokalita'. Is-Sindku ppropona li jitħallas il-filming ta' dan il-promo. Il-Kunsill approva li jkun parti minn dan il-proġett edukattiv. | DVD mill-istudenti ta' Skola Sajf |

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-istudenti li jattendu Skola Sajf fil-Guardian Angel se jagħmlu tpinġija fuq canvas li se tingħata lill-Kunsill. Barra minhekk l-istess studenti qed jitolbu li jiżżejnu xi toroq bil-pjanti. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jixtri l-pots bħala turija ta' appoġġ għal din l-inizzjattiva. Is-Sindku ppropona li dawn il-pjanti jitpoġġew taħt il-Ubars eżistenti fi Triq Eldorado. Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

Tiżjin ta' toroq bi pjanti mill-istudenti ta' Guardian Angel

Is-Sindku nfurma lill-membri li saru numru ta' pjanti fi Triq Atocia, fejn mhux biss iżżejnet din il-pjazza iżda nqatgħu bosta abbużi ta' pparkjar illegali.

Pjanti fi Triq Atocia

Il-Kunsillier Carmen Borg issuġġeriet li minn din is-sena, fl-okkażjoni tal-Assunta, l-Għaqdiet u l-Kunsill Lokali joffru bukkett fjuri lill-Madonna. Ġest sabiħ ħafna kien dak mill-Għaqda Liberty li kienet l-ewwel għaqda li offriet bukkett. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li l-korrispondenza mill-għaqdiet tintbagħat lill-Kappillan u jkun hu li jħeġġiġhom jipparteċipaw f'din l-inizzjattiva.

Bukkett fjuri fl-okkażjoni tal-Assunta

Il-Kunsillier Carmen Borg spjegat li din is-sena kien hemm coverage tajjeb ħafna mill-media dwar il-Kappella ddedikata lill-Madonna tas-Samra u l-Festa tal-Assunta fil-Ħamrun.

Is-Sindku spjega li sfortunatament kien hemm artiklu partikolari li tefa' dell ikrah fuq il-lokalita' u għaldaqstant għandu jsir sforz akbar sabiex nipromowvu t-tajjeb u l-pożittiv tal-lokalita'.

Il-Kunsill approva li jsir bukkett fjuri.

## 10 Ħwejjeġ Oħra/Ilmenti

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti nfurma lill-membri li fi Triq Atocia, l'isfel fl-isqaq hemm ħofra perikoluża.

Ħofra fi Triq Atocia

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li tiġi solvuta l-problema ta' Triq Turu Lentini u tiġi ordnata Tabella No Right Turn għal Triq Schembri, faċċata ta' Triq Alexander.

Triq Turu Lentini

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li deher artiklu dwar arblu f'nofs il-bankina fi Triq il-Kbira San Gużepp, faċċata ta' Triq Farsons. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan l-ilment diġa ġie mgħoddi għall-attenzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta.

Arblu fi Triq il-Kbira San Guzepp

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kumitat tal-Hamrun Spartant Youth Nursery talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex isir żebgħa tal-ħajt tal-ground.

Manutenzjoni tal-ħajt tal-ground tal-ĦSYN

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li l-video tad-Diska 'Dlonk Nikber' jinsab fuq YOUTUBE. Dan il-video sar mis-Sjra Myra Tanti, bint Joe u Carmen Tanti, l-Greenfields.

Video Dlonk Nikber

| | |
|---|---|
| Is-Sindku nfurma lill-membri li hemm pjanat li l-bins ta' Pjazza Kappillan Muscat jiġu salvati u jiġu użati xi mkien ieħor. | Bins – Pjazza Kappillan Mifsud |
| Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li fi Triq San Vincenz hemm bozza maqtugha. | Bozza maqtugha |
| Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa kienx hemm żviluppi dwar iz-zebra crossing ta' Triq Kappillan Mifsud. | Zebra Crossing fi Triq Kappillan Mifsud |
| Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ippropona li l-Kunsill jressaq talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex tiġi nstallata Pelican Lights fi Triq Kappillan Mifsud fl-area ta' Triq Mons De Piro. | Pelican Lights fi Triq Kappillan Mifsud |
| Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Malta Tourism Authority se tieħu f'idejha r-responsabbilta' tal-letrini pubbliċi tal-lokalita'. | Letrini Pubblici fil-Ħamrun |
| Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar it-talba li ilha titressaq mir-residenti sabiex Triq Lord Byron issir One Way. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għaddiet il-korrispondenza għall-attenzjoni ta' TM iżda għadha mingħajr risposta. | Talba One Way ta' Triq Lord Byron |
| Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li fuq bieb nru 6-7 fi Triq San Fidiel hemm bozza maqtugha. | Bozza maqtugha |
| Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li nhar l-Erbgħa ,24 t'Awwissu 2016 se tinżamm l-attivita' Day by The Pool. | Day by the Pool |
| Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li kopja tal-magazine tal-Kunsill intbagħat lill-familjari tas-Sur Charles Magro. | Magazine tal-Kunsill |

## 11 Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fid-20.00 p.m. u ġiet aġġornata ghall-Hamis 22 ta' Settembru 2016 fis-6.00p.m.

__________________________ _______________________

Christian Sammut Karen Camilleri

*Sindku* *Segretarju Eżekuttiv*

Data: